# It-traduzzjoni tas-sustanzi kimiċi

It-**traduzzjoni tas-sustanzi kimiċi kollha, inklużi dawk tal-pestiċidi u l-agrokimiċi (ISO – ismijiet komuni), għandhom jiġu tradotti** abbażi tal-Linji Gwida Interistituzzjonali u bl-għajnuna ta' xi **noti addizzjonali** li ssibu f'din il-kjarifika:

Is-sustanzi kimiċi **kważi kollha**, sakemm ma jkunx indikat mod ieħor*****, għandhom jiġu tradotti skont **"L-ismijiet tas-sustanzi kimiċi bil-Malti - Linji gwida interistituzzjonali" (fil-qosor "il-linji gwida tas-sustanzi kimiċi").**

Dawn jistgħu jsegwu n-nomenklatura **IUPAC** (kimika organika u inorganika), inkella dik **ISO** (**ismijiet komuni** - agrokimiċi u pestiċidi) jew **INN** (prodotti farmaċewtiċi), fost l-oħrajn.

*****L-ismijiet **INCI** (International Nomenclature Cosmetic Ingredients) huma eċċezzjoni fil-fatt, u għandhom jibqgħu bil-lingwa oriġinali li normalment tkun bl-Ingliż jew bil-Latin, għajr parfum, li hija bil-Franċiż.

F'każ ta' dubju wieħed jista' dejjem jivverifika mal-awtur u/jew mat-terminologi.

Għal aktar tagħrif araw dawn il-links:

https://en.wikipedia.org/wiki/IUPAC_nomenclature_of_organic_chemistry

https://en.wikipedia.org/wiki/IUPAC_nomenclature_of_inorganic_chemistry

https://pesticidecompendium.bcpc.org/basics.html

https://www.iso.org/committee/50160.html

https://www.iso.org/obp/ui/#iso:std:iso:257:ed-4:v1:en

https://en.wikipedia.org/wiki/International_nonproprietary_name

https://myintracomm-collab.ec.europa.eu/networks/DGTIM/terminolo%C4%A1ija/SiteAssets/Lists/TERMal2/termini/StemBook_2011_Final.pdf

https://incibeauty.com/ingredients/T

https://magazine.x115.it/x115/inci-cosmetici/

It-traduzzjoni ssir billi **nidentifikaw l-affissi** li ġa mdorrijin nittraduċu elenkati fil-**linji gwida tas-sustanzi kimiċi** kif ukoll dawk elenkati fin-**Noti addizzjonali ta' din il-Kjarifika** u nżommu l-konsistenza mat-traduzzjonijiet stabbiliti fihom.

Meta niltaqgħu ma' affissi ġodda nżommu kemm jista' jkun mal-mudell Taljan.

## Noti addizzjonali

| EN | MT | Rimarki |
|---|---|---|
| **-az** | **-aż** | Dejjem -**aż-** abbażi ta' **-azole > -ażol** biex nibqgħu konsistenti ma' dak li hemm fil-linji gwida tas-sustanzi kimiċi. |
| ***rac-*** | ***raċ-*** | Il-prefiss ***rac-*** li jiddenota 'taħlita **raċ**emika' jiġi tradott bħala ***raċ-.*** |
| ***cis-*** | ***ċis-*** | Il-prefissi mil-Latin ***cis-*** u ***trans-*** jiġu tradotti bħala ***ċis-*** u ***trans-.*** |
| ***trans-*** | ***trans-*** | Il-prefissi mil-Latin ***cis-*** u ***trans-*** jiġu tradotti bħala ***ċis-*** u ***trans-.*** |
| **tert-** | **terz-** | Il-prefiss **tert**- jiġi tradott bħala **terz-** għax ifisser **terz**jarju/a/i. |
| **di-** | **di-** | L-affiss **di-** jibqa' **di-.**<br><br>F'ismijiet IUPAC jokkorri l-aktar bħala prefiss biex jindika "tnejn"; pereż. **dioxide** - żewġ atomi tal-ossidu - **diossidu**; ma tiddaħħalx "j" bejnu u l-bqija tal-kelma;<br><br>Insegwu l-istess raġunament fl-ismijiet ISO li huma bbażati fuq dawk IUPAC (teħid ta' partijiet tal-isem sistematiku IUPAC biex jinħoloq isem sempliċi komuni). |
| **deca-** | **deka-** | IŻDA ġieli **dec-** > **deċ-**<br><br>Pereżempju**:** iate:2250443 3-(2,4-diklorofenil)-2-osso-1-ossaspiro[4.5]**deċ**-3-**en**-4-il 2,2-dimetilbutirat |
| **thia-** | **tija-** | Abbażi ta' **thio- > tijo-** biex nibqgħu konsistenti ma' dak li hemm fil-linji gwida tas-sustanzi kimiċi. |
| **-ox-** | **-oss-** JEW – **oks-** | IŻDA dejjem qabbel mat-Taljan (għaliex il-prassi bejn IUPAC, INN, ISO, eċċ. taf tvarja f'dan il-każ).<br><br>Normalment jekk it-Taljan jikteb –**oss**, bil-Malti nagħmlu l-istess, -**oss**, u jekk l-"**x**" it-Taljan iħalliha "**x**" aħna nibdluha "**ks**".<br><br>Bl-istess raġunament, ġeneralment:<br><br>**-ax-** > **-aks-**<br><br>**-ix-** > **-iks-**<br><br>**-ex-** > **-eks-**<br><br>**-ux-** > **-uks-** |

| | | |
|---|---|---|
| **hex-** | **eż-** | Abbażi ta' **hexa > eża** biex nibqgħu konsistenti ma' dak li hemm fil-linji gwida tas-sustanzi kimiċi. |
| **-ium** | **-ju** | |
| **-amid-**<br>**-amide** | **-ammid-**<br>**-ammid** | Dejjem 'm' doppja, avolja t-Taljan jagħti ż-żewġ varjanti (jiġifieri kemm b''m' waħda u kemm b''m' doppja) biex nibqgħu konsistenti ma' dak li hemm fil-linji gwida tas-sustanzi kimiċi. |
| **-ide** | **-ur** JEW **-idu-** JEW **-ide** | Fin-Nomenklatura IUPAC **–ide** kważi dejjem tiġi **-ur**, għajr xi eċċezzjonijiet bħal **'oxide'** li ssir **'ossidu'** (**oxy- / oxi- = ossi-** ). Dejjem qabbel mat-Taljan. |
| **-id** | **-id** | |
| **-imine** | **-immina** | Fuq l-eżempju ta' amine > ammina. |
| **-imide** | **-imide** | |
| **-iside** | **-iside** | |
| **-lide** | **-lide** | |
| **salt** | **melħ,**<br>**pl. mlieħi** | Għall-plural ta' **melħ** Aquilina jagħti ***mlieħ/mlieħi***.<br>Però, wara konsultazzjoni interna, ***mlieħi*** ngħatat preferenza għax *mlieħ* tfisser ukoll "to become salty" i.e. *imlieħ l-ikel* jiġifieri għamlu mielaħ. Apparti li l-**i** iktar twassal lill-individwu għall-plural, għax diġà tintuża għall-plural ta' nisel Rumanz. Serracino Inglott ukoll jagħti ***mlieħi*** bħala l-plural. Mill-banda l-oħra *mluħa/mluħija* hija **saltiness** (mluħa m'għandhiex tintuża bħala plural). |

**F'każ ta' diskrepanzi jew diffikultajiet b'rabta ma' dak li hawn indikat hawn fuq, jekk jogħġobkom ibagħtu lit-terminologi biex jikkonsultaw lill-kollegi interni, kif ukoll dawk minn istituzzjonijiet oħra, dwar l-aħjar soluzzjoni.**

Fuq parir tal-ġuristi tal-Kummissjoni, b'rabta mat-traduzzjoni tas-sustanzi kimiċi skont il-linji **gwida tas-sustanzi kimiċi u l-entrati ekwivalenti rreġistrati fil-iate**, **mil-lat legali, fil-każ tal-atti leġiżlattivi** rridu nimxu kif ġej:

1. fil-każ ta' isem jew ismijiet ta' sustanzi kimiċi fit-titolu ta' att ippubblikat, it-titolu ta' dak l-att jiġi kkwotat kif inhu;

2. fil-każ li ssir kwotazzjoni diretta (test fil-virgoletti) ta' parti mit-test ta' att ippubblikat fejn

| | |
|---|---|
| | jissemmew xi ismijiet ta' sustanzi kimiċi, it-test jiġi kkwotat kif inhu;<br>3. fil-każ li jissemma l-isem ta' sustanzi kimiċi b'relazzjoni ma' att, jew b'relazzjoni ma' xi artikolu f'att, mingħajr ma ssir kwotazzjoni diretta ta' parti mit-test tal-att ippubblikat, jiġu segwiti l-linji gwida tas-sustanzi kimiċi u/jew il-iate;<br>4. fil-każ ta' emenda ta' xi att ippubblikat li tinvolvi l-ismijiet ta' sustanzi kimiċi, jiġu segwiti l-linji gwida tas-sustanzi kimiċi u/jew il-iate jekk is-sustanza hija ġdida u ma tissemmiex ġa fl-att bażiku li qed jiġi emendat;<br>• l-emenda ma tridx toħloq inkonsistenza terminoloġika fl-att li qed jiġi emendat;<br>• jekk tinħoloq inkonsistenza terminoloġika, b'mod partikolari meta s-sustanza fl-att bażiku ġiet tradotta ħażin, tista' tintalab rettifika, anki tat-titolu jekk ikun meħtieġ;<br>• iżda jekk rettifika ma tkunx meħtieġa jew ma tkunx possibbli wieħed għandu jimxi mat-terminu kif jidher fl-att bażiku biex ma jkunx hemm inkonsistenza fl-att konsolidat. |
| | |